**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

L-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 64.1 Introduzzjoni

64.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.04 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.
64.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 63 tal-26 ta' Lulju 2017.
64.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 63 bid-data tal-26 ta' Lulju 2017 ġew approvati unanimament.

## 64.2 Punti mqajma mill-minuti

64.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq Sqaq it-Tut Ħ'Attard minħabba l-mera li għamlu request tagħha xi residenti.
64.2.2 Hija qalet li din il-mera għada hemm imma ċaqalquha minħabba *construction* li qed isir.
64.2.3 Is-Sur Massimo Scerri nforma lill-Kunsill li m'hemmx periklu minn naħa t'isfel mhux bħal minn naħa ta' fuq.
64.2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 63.3.3 fejn residenti qed jitolbu lampi f'din l-area ta' Halmann, limiti ta' Sejduna, peress li hemm nuqqas ta' dawl.
64.2.5 Hija qed tisuġerixxi li għalkemm applikajna għall-bozza waħda u forsi anke jsiru tnejn żgur li hemm bżonn li l-EneMalta Corporation jiġu 'on site' u jaraw kemm jaħsbu hemm bżonn lampi.
64.2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq il-problema ta' ġbir ta' l-iskart fl-istess area fejn hija qed tisuġerixxi li l-ġbir ta' skart isir *door to door* u mhux kif kien miftiehem li jinġabar minn *spot* wieħed.
64.2.7 Il-Kunsill qabel dwar dan. Għandu jiġi avżat il-kuntrattur il-ġdid b'dan it-tibdil.
64.2.8 Fuq l-istess area, is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li kif tispiċċa l-aħħar dar f'dan l-isqaq, tibda trejqa oħra li twassal għal Triq Depiro Gourgion.
64.2.9 Hija qalet li din tintuża *short cut* u l-ħaxix li hemm kiber ġmielu saħansitra li anke kien hemm min ħaraq ftit minn dan il-ħaxix.
64.2.10 Hija qed tisuġerixxi li għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur preżenti biex jinqata dan il-ħaxix.
64.2.11 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li din l-area hija rurali u hija privata għal aċċess għall-bdiewa, pero l-Kunsill qabel li għandu jiġi iċċekkjat jekk din l-area hijiex privata jew le qabel ma tinġieb il-kwotazzjoni.
64.2.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 63.2.12 fuq iċ-ċirkulari li ntbagħtet lir-residenti f'Tal-Mirakli fejn ġew infurmati fejn kienu ser jitpoġġew il-bring-in-sites.
64.2.13 Hija qalet li r-residenti ilmentaw peress li ma kienux jafu li din hija miżura temporanja, li ssuġġerwa l-WasteServ wara li kien hemm il-ħruq fl-impjant ta' Sant' Antnin.

64.2.14 Hija qalet li r-residenti li oġġezzjonaw għal dawn il-bring-in-sites wara li ġew magħrfa li din hija miżura temporanja, aċċettawli għandhom jitpoġġew dawn l-iskips fejn issuġġerixxa l-Kunsill.

## 64.3 TENDERS

64.3.1 Il-ħin huwa 17.12 hrs u l-laqgħa ġiet sospenduta peress li bidder li applika għat-tender tal-ġbir ta' skart ġie l-Kunsill biex jippreżenta d-dokument li kien ġie mitlub.
64.3.2 Huwa kellu jġib evidenza ta' vettura Euro 5 li kien qed jistenna tasal Malta, pero ġab kopja ta' log book ieħor fejn qal li huwa kien ser jixtri din il-vettura ukoll.
64.3.3 Is-Segretarju nfurmat li fit-tender tal-ġbir ta' skart kienet a 'must' li l-vetturi kellhom ikunu ta' l-inqas Euro 5 b'*dimensions* addattati għar-raħal ta' Ħal Lija.
64.3.4 Il-ħin huwa 17.17hrs u l-laqgħa tkompliet b'diskussjoni fuq l-*adjudication* tat-tender ta'Ġbir ta'Skart.
64.3.5 L-*adjudication committee* ma setax jiddeċiedi xejn peress li ried jkun ċert li l-bidders ikollhom ir-*requirements* li kienet qed titlob it-tender.
64.3.6 Ġie deċiż li għandna nistaqsu lid-Dipartiment jekk jistax jintagħżel bidder li meta ikun tefa' it-tender ma jkollux ir-requirements kollha speċjalment scammel trucks li irid jaħdem bihom.
64.3.7 Il-Kunsill baqgħa jinsisti li għandhom jiġu ppreżentati żewġ log books għal scammel żgħir u kbir, fuq isem il-bidder u b'evidenza ta' vetturi Euro 5.
64.3.8 Is-Segretarju tkellmet fuq it-tender tal-Legal Services fejn l-Adjudicating Committee irid jikkonferma lil min ser jintgħażel.
64.3.9 Huma raw li l-irħas wieħed huwa Avukat li fil-passat il-Kunsill kien irċieva minn għandu f'isem kuntrattur li kienet intbagħtet Default Notice.
64.3.10Il-Kunsill qabel li allura għandu jintagħżel it-tieni l-irħas wieħed.
64.3.11 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha titkellem mad-Direttur u tieħu parir dwar din it-tender.
64.3.12 L-għeluq tal-Kuntratt eżistenti tal-Legal Services jagħlaq fl-10 t'Ottubru 2017 allura trid tittieħed deċiżjoni malajr kemm jista jkun.

## 64.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU / VIP LIST

64.4.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq 66.6.21fuq is-Sindku ta' Melitello.
64.4.2 Is-Sindku, qalet li hija trid tagħmilha ċara li hija kienet tkellmet mal-Kunsill fuq il-miġja ta' dan is-Sindku għall-Festa ta' Ħal Lija u kienet rikjesta mingħand is-Sindku stess li stieden lis-Sindku ta' Ħal Lija biex tmur għall-Festa tas-Salvatur f'Melitello.
64.4.3 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet ikkonfermat mal-Kunsill li wara din l-istedina, hija tkellmet mal-President tal-Każin tal-Banda San Pio X fejn qalilha li la l-istedina kienet ġiet mingħandhom, għandha taċċetta l-istedina.
64.4.4 Hija qalet li fuq dan il-punt hija tixtieq li tippubblika tlett ittri, tnejn minnhom ili irċeviet mingħand is-Sindku ta' Melitello u l-oħra li ntbagħtet mill-Kunsill. Dan għandhom isiru fuq il-website tal-Kunsill.
64.4.5 Il-Kunsill qabel dwar dan.
64.4.6 Is-Sindku kkonfermat li ġiet milqugħha b'ospitalita kbira mingħand is-Sindku u l-grupp ta' Melitello, hija li kienet qed tirrapreżenta lill-Kunsill.

64.4.7 Hija qalet li f'isem il-Kunsill ippreżentat it-token li l-Kunsill kien approva li jingħatalhu.

64.4.8 Hija qalet li peress li sar ħafna diskors xtaqet tiċċara l-affarijiet u kompliet tgħid li l-Kunsill ma daħalx fiha hu, għax ried hu, imma bħala edukazzjoni, aċċetta l-istedina.

64.4.9 Is-Sindku ppreżentat pittura żgħira ta' artist magħruf li ġie mogħti lilha. Hija ser tħalliha l-Kunsill biex jiġi framed u jinżamm fl-uffiċċju.

64.4.10 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa tar-Reġjun, fejn qalet li qed jipprovaw jinġiebu kwotazzjonijet biex tiġi persuna minn barra l-Kunsill, li tkun tista tgħin lill-Kunsilli tar-Reġjun, mill-fondi tar-Reġjun, stess fuq affarijiet ta' l-EU.

64.4.11 Din il-persuna tkun qed taħdem erbgħa sigħat fil-ġimgħa jew kemm ikun hemm bżonn.

64.4.12 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li konna irċevejna is-somma ta' €5,338.22 fondi mingħand ir-Reġjun.

64.4.13 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li s-Sinjorina Pamela Borg kien ser jiskadilha l-Kuntratt ta' l-impjieg tagħha fil-15 ta' Settembru 2017 biex il-Kunsill japprova t-tiġdied ta' dan il-kuntratt.

64.4.14 Il-Kunsill approva t-tiġdied ta' dan il-Kuntratt għall-tlett snin oħra.

64.4.15 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi u l-Kunsill qabel li qed tinħass il-ħtieġa li fil-Kunsill għandu jiġi impjegat 'Executive officer' biex l-operat tal-Kunsill ikun aħjar.

64.4.16 Hija kompliet tgħid li peress il-ġurnata ta' qabel inżammet il-laqgħa tal-finanzi ma' l-Accountant, hija riedet tkun ċerta li din mhux ser taffettwa l-finanzi tal-Kunsill peress li ser ikun hemm xi differenza fis-salarju.

64.4.17 Is-Sindku kkonfermat li l-Accountant ikkonfermat li din ma kienetx ser tagħmel differenza fil-finanzi tal-Kunsill.

64.4.18 Il-Kunsill qabel u għandha tinħareġ il-call interna fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ghal dan il-post.

64.4.19 Residenta qed titlob biex iz-zebra crossing li hemm fi Vjal it-Transfiguration l-isfel mit-torri fejn il-ġnien isir 'traffic lights' għax xorta l-karozzi minkejja li jaraw lin-nies jaqsmu jibqgħu għadejjin.

64.4.20 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request pero il-Kunsill mhuwiex f'sitwazzjoni finanzjarja li jinstalla dawn it-traffic lights. Barra minn hekk waqt laqgħa li s-Sindku u s-Segretarju kellhom fuq it-traffiku, Transport Malta qalu li qed jipprovaw inaqqsu t-traffic lights peress li aktar qed ikun hemm 'traffic jams'.

64.4.21 Resident qed jagħmel request biex fi Triq Carmelo Farrugia isir motorcycle bay jew tnejn. Dan għaliex f'din it-triq hemm aktar minn resident wieħed li għandu mutur, u m'hemmx motorcycle bays biżżejjed. Dan għaliex ma jħossuhomx prudenti jipparkjaw ġo parking bay ta' karozza jew qalb il-parking spaces.

64.4.22 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request qal li jekk dawn jistgħu isiru, għandhom isiru.

64.4.23 Is-Sinjorina LorraineFarrugia flimkien mas-Segretarju għandhom imorru on site biex jaraw x'jista jsir.

64.4.24 Resident li joqgħod Nru.66 Triq Sir Ugo Mifsud qed jagħmel request biex isiru double yellow lines mal-ġnub tal-garage tiegħu kif suppost bil-liġi. Qed jitlob biex dawn il-linji jsiru mill-ġenb tal-garage tiegħu u jiefqu eżatti mal-ġenb tal-garaxx ta' ma' ġenbu. Dan għaliex qed jsib problema u l-karozzi qed jipparkjaw eżatti mal-garaxx tiegħu u jagħlqu parti mill-entratura u qed tkun ta' inkonvenjent għax ma jkunx jista joħroġ jew jidħol ġol-garaxx. Huwa prudenti biżżejjed li jdaħħal il-karozza ġewwa u jipparkja

oħra fil-kaxxa s-safra quddiem il-garaxx pero meta jsib il-karozzi pparkjati ħażin ma jistax jagħmel hekk u qed jkollu problema.

64.4.25Il-Kunsill qabel li għandhom isiru ½ metre double yellow lines fuq kull naħa tal-garage u biex ma jintilifx parking il-Kunsill approvaw li għandhom isir motorcycle bay jew tnejn.

64.4.26Is-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site' biex jiġi iċċekkjat kemm motorcycle bays jistgħu jsiru.

64.4.27Barra min hekk dan ir-resident qed jitlob ukoll żewġ bollards taħt it-tieqa tad-dar tiegħu dan għaliex mhux l-ewwel darba ukoll li karozzi jgħaddu bi speed qawwi u jitilgħu fuq il-bankina u qed jagħmlulha ħsara mal-faċċata Bagħtilna anke ritratti li van kissirlu d-drainage cover li għandu fuq il-bankina.

64.4.28Il-Kunsill ma approvax dan ir-request.

64.4.29Is-Segretarju ressqet quddiem il-Kunsill żewg requests mit-Transport Malta għall-reserved parking.

64.4.30Wieħed tas-Sinjura Grace Grima li toqgħod Triq Il-Kbira u l-ieħor tas-Sinjura Mary Gauci li yoqgħod Triq Fernand Gregh.

64.4.31L-applikazzjoni tas-Sinjura Grima ma setax timtela peress li ma setax isir kuntatt magħha. Għanda nkomplu nagħmlu minn kollox biex isir kuntatt ma' din ir-residenta.

64.4.32Fuq l-applikazzjoni l-oħra l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

64.4.33Resident li joqgħod ta' Senna qed jagħmel 2 requests:

64.4.34Il-parkings li hemm fi Triq Nazju Cortis parallel jsiru *perpendicular* għax joqgħodu aktar karozzi tlieta jew erbgħa joqogħu. Il-karozzi minflok jipparkjaw mal-bankina jipparkjaw *diagonal*.

64.4.35Il-Kunsill approva din ir-request li jsiru *parallel perpendicular lines* fil-kantuniera biss għax la fil-kantuniera, ir-residenti ma jsibux oġġezzjoni.

64.4.36 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq ir-request li kellu l-Kunsill biex jintagħżlu tlett postijiet biex jitnaddfu għall-attivita 'Lets doit Malta' – Clean up day.

64.4.37Għandu jiġi iċċekkjat liema żoni ġew approvati biex jitnaddfu għax il-Kunsill issuggerixxa li Ta' Senna għandu ikun wieħed miż-żoni li jrid jitnaddaf.

64.4.38 Dan ir-resident qed jisuġerixx li għandu jitneħħa l-ewwel parking minn isfel fi Triq Agostino Portelli. Dan għaliex saru bollards mill-Kunsill fuq il-*white line* tan-nofs u allura jekk xi ħadd jipparkja ġo l-ewwel parking ikun diffiċli biex tgħaddi minn bejn il-parkeġġ u l-bollards dan għaliex karozza tghaddi bl-eżatt. Huwa qal li l-bollards tajbin, il-parking jrid jitlaq.

64.4.39 Fuq dan ir-request, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw u mmorru fuq il-post. Dan għandu jsir mis-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia.

64.4.40 Mr. Johann tal-Villaġġ Bar qiegħed jagħmel request biex joħroġ barrel antik u jagħmel xi xtieli go fih mal-linja ta'pjanti diġa eżistenti fuq il-bankina, u għalhekk xtaq permess mingħand il-Kunsill qabel ma jagħmel dan.

64.4.41 Il-Kunsill ma qabilix ma' dan ir-request u ressaq ilment li huwa xorta waħda qed joħroġ l-imwejjed fuq il-bankina.

64.4.42 Għadna nerġgħu nitkellmu miegħu biex ma jibqax joħroġ dawn l-imwejjed għax inkella ikollna indaħħlu l-pulizija u jinqalgħu l-U-bars.

64.4.43Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-U-Bars li saru mill-Kunsill quddiem il-Villaġġ, hija qed tgħid li saru ħażin għax qed jostakolaw il-bankina u r-residenti qed jilmentaw fuq hekk.

64.4.44 Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu ma' tal-Villaġġ u ngħidulu li għandna l-ilmenti mingħand ir-residenti fuq il-U-Bars.

64.4.45 Is-Segretarju ressqet e-mail b'applikazzjoni fuq ir-Restoration Works Scheme for Local Councils – 2017

64.4.46 Fuq din l-applikazzjoni għandu jiġi kkonsultat il-Kappillan u d-data ta' l-għeluq hija il-15 ta' Settembru 2017.

64.4.47 Is-Sindku tkellmet fuq id-dekasteri ġodda għall-Kunsillier is-Sur Salvu Farrugia li ġie coopted bħala Kunsillier flok Dr. Marc Sant.

64.4.48 Residenta li toqgħod fi Triq Ramiro Barbaro qed tagħmel request biex quddiem il-bieb tagħha ssir bankina dan għaliex il-karozzi qed jipparkjaw viċin ħafna tal-bieb u ma tkunx tista toħroġ mill-bieb speċjalment bil-buggy. Jekk ma ssirx bankina hija tixtieq xi suġġerimenti oħra ta' x'jista jsir.

64.4.49 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u peress li l-post huwa fejn titwessa it-triq, possibbli li ssir il-bankina. Għandha tintbagħat request lit-TM.

64.4.50Residenta li toqgħod Triq Ħal Bordi no 29/31 fejn telgħa l-bini l-ġdid qed titlob li z-żewġ parkings li hemm quddiem il-qisha biċċa *drive in* tagħha jsiru sofor biex hi tkun tista tipparkja. Dan ġara li qabel kienet tipparkja imma peress li l-ħaddiema tal-Kunsill friskaw il-linji tal-parking u quddiem il-bieb tagħha kien hemm post ta' żewġ parkings naturalment huma baqgħu għaddejjien biż-żebgħa.

64.4.51 Din ir-residenta ippreżentat kopja tal-kuntratt tar-residenza tagħha fejn hemm indikat li din *id-drive* in hija tagħha personalment.

64.4.52 Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jitneħħew iż-żewġ parkings u s-Segretarju u s-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site' u jimmarkjaw.

64.4.53 Resident li joqgħod ta' Senna qed jitlob li isiru l-STOP signs ma' l-art int hu tiegħla min Mosta Road għal ta' Senna. Hemm wkoll bżonn ta' refreshing tal-white lines tan-nofs. ( Il-ħaddiema qalu li dan huwa xogħol tal-kuntrattur ). Hemm wkoll bżonn li issir it-tarmac li m'għamlux il-GO.

64.4.54 Il-Kunsill qal li r-refreshing ta' dan il-line fin-nofs għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li dan huwa refreshing biss.

64.4.55Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija kienet talbet ir-refreshing tal-Bus Stop ma' l-art u refreshing tal-yellow lines ta' Triq Robert Mifsud Bonnici.

64.4.56 Is-Segretarju għandha tiċċekkja dan għaliex ma sarx.

64.4.57 Is-Segretarju qalet ukoll li għandha tiġi ordnata mill-ġdid il-Valletta sign fi Triq Robert Mifsud Bonnici ukoll.

64.4.58 Resident qed jitlob li s-sign SLOW DOWN li twaħħlet fi Sqaq, f'Conception Street, fuq pole għanda titwaħħal f'Conception Street propja sabiex tkun tidher. Jitlob wkoll li l-sleeping Police li hemm ma' l-art titkompla fin-nofs wkoll ħalli tkun il-wisgħa ta' triq kollha.

64.4.59 Din ir-request ġiet diskussa mill-Kunsilliera u qablu li trid tiġi iċċarata iktar għalhekk is-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom imorru 'on site'.

64.4.60 Fuq it-tieni parti tar-request rigward is-sleeping policeman titkompla fin-nofs, il-Kunsill kien diġa iddeċida li din ma ssirx biex l-ilma tax-xita ikun jista' jgħaddi liberalment.

64.4.61Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet x'kien ġara mill-petition li hija qalet li kellha ssir fuq is-sleeping policeman ta' Triq Robert Mifsud Bonnici .

64.4.62Is-Segretarju qalet li għandha tiċċekkja għax sa fejn taf hi qatt ma kien hemm deċiżjoni li ssir petizzjoni.

64.4.63Permess ta' two high tables għal sena - Mr. Nappa Każin Nazzjonalista - Residenta li toqgħod faċċata tiegħu ma tixtieqx li jingħata dal-permess. Hija qalet li dan il-permess ingħata fi żmien il-festa pero ma tridx li dan jkollu permess għal sena sħiħa.

64.4.64Dan minħabba li hemmhekk huwa *residential area* u ċerti affarijiet mhux permessi bħal storbju, mużika għolja, nies jixorbu barra u jpejpu. Hija qalet li filwaqt li nies li jkunu qegħdin jiddevertu il-każin, residenti bħalha li joqgħodu ma' ġenb jew quddiem il-każin qed jkollhom joqgħodu skomdi fid-djar tagħhom għax eżempju ieħor ta' inkonvenjent huwa li jdumu sa siegħat bikrin ta' filgħodu b'mużika għolja jagħmlu ħafna storbju.

64.4.65 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija qalet li għada ma tatx il-permess peress li hija xtaqet li jiġi approvati l-minuti qabel jingħata permess.

64.4.66Il-Kunsilliera iddiskutew dan l-ilment u ikkonfermaw li għalkemm jistgħu jibqgħu miftuħin sas-1.00a.m. il-mużika trid tieqaf sal-11.00p.m.

64.4.67 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tagħmel laqgħa mal-pulizija biex jagħmlu spot checks tal-bars kollha tar-raħal.

64.4.68 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ppreżentat ittra mingħand resident li joqgħod Vjal Transfigurazzjoni fejn ġejna magħrfin li qed jitilgħu fir-raħal ħafna żagħżagħ bir-roti u jagħmlu ħafna storbju u anke daħlu għand wieħed anzjan.

64.4.69 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi fil-laqgha li hija ser torganizza mal-Pulizija għandha titkellem ukoll fuq dawn il-problemi.

64.4.70 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet mal-Kunsill fuq il-vann tal-Kunsill.

64.4.71 Hija qalet li wara li inġiebu kwotazzjonijiet għal van second hand, hija staqsiet il-ħaddiema tal-Kunsill li kieku meta jiġu l-parts kollha u jissewwa l-vann jiġix tajjeb

64.4.72 Il-Kunsill qabel li l-vann għandu jissewwa u mhux jinxtara wieħed ġdid. Għandna inkomplu nirsistu mal-mechanic fuq il-parts.

64.4.73 Is-Segretarju qalet li l-mechanic la qed jirrispondi it-telephone u meta marret kemm hi personalment il-garage dejjem ikun magħluq.

64.4.74Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tipprova titkellem mal-mechanic hi.

64.4.75 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill li fil-laqgha tal-Finanzi li kienet it-Tlieta 29 ta' Awwissu, l-Accountant infurmat li qed ikun hemm ħafna inġenji F'Pantar Road, in-naħa ta' Ħal Lija u li dawn mhux qed jiġu għall-permessi l-Kunsill ta' Ħal Lija

64.4.76 Is-Sindku, s-Sinjura Magri Naudi għandha titkellem mas-Sindku ta' l-Imġarr, is-Sur Paul Vella li huwa l-owner ta' Hal Mann biex tara fejn qed isiru l-permessi fuq dan il-proġett.

64.4.77 Is-Sindku kompliet tgħid li peress li dan il-proġett huwa ta' Transport Malta u ser iħallsu €8,000,000 fis-sena għal din il-binja lil Hal Mann, il-Kunsill għandu jitlob lil Hal Mann sponsorship ta' xi proġett li l-Kunsill irid jagħmel, bħal per eżempju, il-proġett taċ-Ċentru Rekreattiv.

64.4.78 Is-Sindku għandha titkellem mas-Sur Paul Vella anke dwar dan. Il-Kunsill qabel li jekk Hal Mann ma jaċċettawx għal anqas iħallsu l-permessi li suppost iħallsu.

64.4.79 Is-Segretarju tkellmet fuq il-laqgħa tal-Finanza li kienet saret it-Tlieta 29 ta' Awwissu fejn ġie diskuss rapport li għandu jintbagħat lid-Dipartment fuq x'diffikutalijiet finanzjarji li qed ixekkel il-funzjoni tal-Kusnill Lokali.

64.4.80Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi fakkret lill-Kunsill li kienu ġew mill-Ministeru tat-Turiżmu fuq il-proġett tat-Torri Belvedere u ser terġa titkellem mas-Sur Fsadni, peress li ma smajna xejn iktar.

64.4.81 Is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq id-dekasteri tal-Kunsilliera peress li s-Sur Salvu Farrugia kien ħa post Dr. Marc Sant li kien irriżenja.

64.4.82 Hija iddiskutiet mal-Kunsill id-dekasteri li tixtieq li jingħataw lis-Sur Salvu Farrugia.
64.4.83 Hija qalet li jekk is-Sur Farrugia jaċċetta għandu jingħatalu l-Sports, Inizjattiva għall-Energy Saving, Senior Citizens flimkien mal-Kunsillier is-Sur Massimo Scerri.
64.4.84 Is-Sur Salvu Farrguia aċċetta dawn id-dekasteri.
64.4.85.Il-Kumplament tal-dekasteri li kellu Dr. Marc Sant li huma Legal Affaris, Public order u Bye-laws u Tourism u Heritage ser jgħaddu għand is-Sindku.
64.4.86 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija marret tara binja b'kera fi Triq Sant'Andrija.
64.4.87 Barra li l-binja mhiex addatata lill-Kunsill għandha kera iktar għolja milli għandu fil-budget tal-Kunsill għax qed jitlob €800 kull xahar.
64.4.88 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-kwotazzjonijiet li kienu inġiebu fuq il-ground il-kbir u l-ground tal-Bandli ż-żgħir.
64.4.89 Hija qalet li kieku kellu jiġi installat it-Turf, ikun hemm bżonn persuna li trid tnaddfu kull darba li jintuża, it-tiles li hemm bħalissa ma jistgħux jissewwew imma hemm il-MultiPurpost Pitch li huwa maintenance free.
64.4.90Hija iddiskrivit kif ikun dan il-pitch u l-prezzijiet huma bejn wieħed u ieħor €22,584.49, €13,710.00 u €24,691.50.
64.4.91Is-Segretarju tkellmet fuq il-units tal-bandli fejn l-M.Quip issuġġerew li l-bandli mhumiex magħrqin u għandhom iservu xi ħames snin oħra. Kull ma irridu nagħmlu huwa li nsewwu fejn hemm bżonn.
64.4.92Is-Sindku ssuġerit li għandna nsewwu u nbidlu xi unit wieħed biss.
64.4.93Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fir-rapport li l-AME li jibgħatu fuq iċ-Ċentru Rekreattiv qatt ma kien hemm xejn bi kbir fuq il-units tal-bandli.
64.4.94Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa speċifikament fuq dawn il-kwotazzjonijiet għal min ikun jista jattendi, imma sa dan it-tant għandhom jinġabru samples ta' kollox.
64.4.95Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li fi Trisq Salvu Mifsud c/w Triq Dun Ġużepp Tanti hemm ħafna ħaxix li meta tagħmel ix-xita mhux ser ikun jista' jidħol fl-għelieqi, hija qed titlob biex il-kuntrattur jaqta' dan il-ħaxix.
64.4.96Is-Sindku tkellmet fuq il-problema ta' Triq GeralduAzzopardi fejn l-ilma qed iżomm mal-garaxxijiet. Hija nfurmat lill-Kunsill li reġgħet ipprovat titkellem mal-Perit David Vassallo, peress li kienet saret l-ewwel darba mill-Gvern Ċentrali, imma dan kien imsiefer.
64.4.97Hija għandha tagħmel follow fuq dan.
64.4.98Fuq il-kwistjoni tal-garbage f'din it-triq, il-Kunsill reġgħa kkonferma li kulħadd għandu jżomm il-garbage wara il-bieb tiegħu.

## 64.5 RAPPORTI

64.5.1 Is-Segretarju tat *briefing* ta' dan ir-rapport lill-Kunsilliera, u wara li għandhom isiru xi korrezzjonijiet dan għandu jerġa' jintbagħat lill-Kunsilliera.
64.5.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Accountant qalet li bħala krredituri ġejna uptodate, xahar biss b'lura hija qed tisuġġerixxi li l-Allokkazzjoni m'għandix tintuża għall-proġetti.
64.5.3 Hija qalet li għall-proġetti għandhom jintużaw il-fondi tar-Reġjun li bħalissa jammontaw għal €17,000 u l-fondi tal-UIF li jammontaw għall-€32,429.
64.5.4 Il-Kunsill irid jara il-'priorities' ta' liema proġett irid iwettaq l-ewwel.

## 64.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI U PETTY CASH

64.6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2017, skeda tal-Petty Cash ma ġietx ppreżentata peress li ma sarx pagament.
64.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia m'approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.
64.6.3 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti ġew approvati unanimament.

## 64.7 TMIEM TAL-LAQGħA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

64.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.55p.m. u ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2017, fil-5:00pm.
64.7.2 Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa ta' Novembru għandha ssir fit-8 ta' Novembru 2017.

**IFFIRMATA**
Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**
Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv